## 7 ta' Settembru, 1964

**Imħallef:**

**Onor Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Virginia Fenech

*versus*

Avukat Dottor Giuseppe Borg Olivier et noe.

**Separazzjoni — Adulterju — Abbandun — Domiċilju.**

*L-adulterju jista' jiġi nferit minn indizji u preżunzjonijiet gravi bħal ma huwa l-istat ta' konkubinat.*

*Il-ħarba mal-persuna illi magħha jkun ġie allegat illi l-konvenut ikkommetta l-adulterju hija kkunsidrata fid-dottrina u fil-prattika bħala indizju biżżejjed gravi u preċiż ta' l-adulterju.*

*Id-domiċilju tal-oriġini jibqa' jeżisti sakemm ma jiġix pruvat bi provi ndubbji illi ġie mibdul f'domiċilju ieħor "of choice".*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi —

Peress illi l-konvenut żewġha rappreżentant f'din il-kawża miż-żewġ kuraturi tal-elenku rrenda ruħu ħati versu l-attriċi ta' adulterju, u billi huwa abbandunaha, kif ukoll lil ibnu minuri Natalino, u mar joqgħod fl-Ingilterra, fejn ottjena divorzju minnha u hemmhekk reġa' żżewweġ ċivilment ma' Mary Fabri, li magħha kien ilu jikkoabita ħafna snin — talbet li għar-raġunijiet fuq imsemmija, u għal oħrajn li jirriżultaw ma' tul it-trattazzjoni tal-kawża; (1) tiġi pronunzjata minn dina l-Qorti s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal ħtijiet imputabili lill-istess konvenut żewġha; (2) tiġi affidata lill-attriċi l-kura tat-tifel tal-kontendenti Natalino, minorenni, mħabba l-abbandun tal-konvenut taħt il-provvedimenti li jidhrilha xierqa; (3) tiġi dikjarata ċessata l-komunjoni tal-ko-akkwisti konjugali bejn il-kontendenti; u b'konsegwenza illi l-attriċi tiġi awtorizzata teserċita l-atti kollha tal-ħajja ċivili mingħajr l-assistenza u l-kunsens tal-imsemmi żewġha. B'riserva ta' kull dritt ieħor spettanti *lill-attriċi, skond il-liġi, u bl-ispejjeż*, kompriżi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra l-konvenuti nomine.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-kuraturi rappreżentanti l-konvenut f'dan il-ġudizzju u d-dikjarazzjoni u n-nota taxxhieda tagħhom, fejn qalu li ma jinsabux edotti mill-fatti u rriservaw l-eċċezzjonijiet tagħhom għal wara li jinstemgħu l-provi tal-attriċi;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda mhux kontradetta tal-attriċi (fol. 22, 29, 41) u ta' Pauline Borg Cardona (fol. 34) jirriżulta li qabel ma l-konvenut mar l-Ingilterra xi tnax-il sena ilu huwa kien abbanduna d-dar konjugali f'Hal-Balzan u kien mar jgħix di sentu ma' Mary Fabri f'dar oħra l-Belt, Valletta, fejn baqa' jgħix għal sentejn. Mbagħad telaq għall-Ingilterra mingħajr ma avża lill-attriċi. Fid-dar tal-Belt kien ħa joqgħodu miegħu it-tlett itfal l-oħra tiegħu u tal-attriċi iżda mhux lit-tifel iż-żgħir Natalino msemmi fiċ-ċitazzjoni. Ix-xhud Borg Cardona kienet f'diversi okkażjonijiet tara lill-konvenut fil-kumpannija ta' Mary Fabri ċ-ċine, u fil-ġonna u fit-triqat pubbliċi, barra milli *rathom it-tnejn ukoll f'dik id-dar;*

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ssib raġuni suffiċjenti biex tikkonkludi li l-konvenut kien qiegħed jgħix fi stat ta' konkulimat ma' Mary Fabri żmien qabel ma telaq minn Malta;

Illi t-talba tal-attriċi għas-separazzjoni hija bbażata fuq l-adulterju tiegħu ma' l-imsemmija Mary Fabri u fuq l-abbandun;

Illi l-adulterju, bħala kawża l-iżjed gravi għas-separazzjoni, mħabba d-diffikultà tal-prova "de visu" tal-konġunġimenti karnali jista' jiġi nferit minn indizji u presunzjonijiet gravi bħal ma huwa ċertament l-istat tal-konkubinat;

Illi anke l-ħarba mal-persuna li magħha jkun ġie allegat, f'kawżi bħal dawn, *li* l-konvenut *ik*kommetta *l*-adulterju, hija kkunsidrata fid-dottrina u fil-prattika bħala ndizju biżżejjed gravi u preċiż tal-adulterju (P.A. Rita Schembri v. Dr. A.V. Grech noe. 16 ta' April, 1953, Vol. 37, II, 693);

*Illi rriżulta mid-dokumenti eżibiti li l-konvenut, wara li* telaq minn Malta, ottjena d-divorzju fl-Ingilterra b'digriet "nisi absolute" tal-High Court of Justice ta' Londra in data tal-4

ta Mejju, 1961, (fol. 6 u 18) u li fl-24 ta' Ġunju, ta' l-istess sena kkontratta ċivilment iż-żwieġ ma' Mary Fabri, allura xieħa u ta' 42 sena, bint Elia, li l-Qorti m'għandha ebda raġuni biex tiddubita li hija l-istess persuna fuq imsemmija. Dan ikompli jassoda d-dispożizzjoni ġuramentata u mhux kontradetta tal-attriċi li l-konvenut kien siefer għall-Ingilterra ma' l-istess Mary Fabri;

Illi għalhekk saret il-prova ta' l-adulterju tal-konvenut f'Malta minn qabel ma illarga;

Illi wara li jsir żwieġ anke f'pajjiż ieħor u anke biss ċivilment, il-presunzjoni normali, salva xi prova kuntrarja li ma saritx f'din il-kawża, hija dik tal-konsumazzjoni ta' l-istess żwieġ;

Illi l-konvenut iżżewweġ lill-attriċi hawn Malta, fejn kien domiċiljat, bid-domiċilju tiegħu tal-oriġini, u ż-żwiġijiet bejn kattoliċi hawn Malta jsiru skond ir-riti tal-Kodiċi Kanoniku li jirrendihom indissolubbli ħlief bil-mewt. Id-domiċilju tal-oriġini jibqa' jeżisti sakemm ma jiżix pruvat bi provi ndubbji li ġie mibdul f'domiċilju ieħor "of choice". Il-konvenut ma għamel xejn f'din il-kawża, għalkemm ġie pruvat li huwa jaf biha għax il-kuraturi debitament ikkomunikaw miegħu (fol. 27), biex jistabbilixxi li huwa biddel id-domiċilju Malti tiegħu. Għalhekk il-konsumazzjoni presunta taż-żwieġ Ingliż tiegħu ma' Mary Fabri tammonta wkoll għall-adulterju għaliex, kif l-attriċi għandha d-dritt tallega fil-konfront tiegħu in kawża, dak mhuwiex, skond il-liġi ta' Malta, żwieġ validu (vide sentenza ta' din il-Qorti fuq ċitata);

Illi għalhekk l-adulterju tal-konvenut ma' Mary Fabri jirriżulta tant qabel kemm wara li huma telqu minn Malta;

Illi għalhekk fid-dawl tal-provi l-ewwel domanda tal-at-

triċi, ċioè dik għas-separazzjoni, hija ġustifikata. Iżda din is-separazzjoni trid tingħata, għal dak li jirrigwarda l-adulterju, għal tortijiet reċiproċi, għaliex l-attriċi fil-kors tal-kontro-eżami offrut mill-kuraturi tal-konvenut, ikkonfessat skjettament (fol. 41) li anke qabel ma żewġha mar igħix ma' Mary Fabri, huma t-tnejn ma kienux jagħtu każ xulxin, li hija wkoll kellha, kif għad għandha, xi relazzjonui ma' raġel ieħor, u li din it-triq hi u żewġha bdewha "qiesu xorta flimkien";

Illi għalhekk l-attriċi ma tistax, hi stess kolpevoli tal-adulterju, tilmenta mill-abbandun ta' żewġha li, "ex admissis", hi ma kienitx tagħti każu kif hu ma kienx jagħti każ tagħha w is-separazzjoni tibqa' pronunzjabbli biss għall-motivi ta' adulterju reċiproku;

Omissis.

Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti jidhrilha li tista' teżerċita affermattivament id-diskrezzjoni tagħha dwar it-tielet domanda dik ċioè għaċ-ċessazzjoni mil-lum 'il quddiem tal-komunjoni tal-akkwisti u għall-awtorizzazzjoni tal-attriċi għall-atti tal-ħajja ċivili mingħajr l-assistenza u l-kunsens tal-konvenut. Dan iż-żwieġ ġie rovinat bi ħtija gravi u ugwali tat-tnejn u minn tnax-il sena l'hawn il-konvenut ma werix iżjed interess f'martu u fir-regolament tar-rapporti ċivili tagħha għalhekk mhuwiex ġust li hi tibqa' tiddependi minnu għall-attijiet tal-ħajja ċivili;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti waqt li tastjeni milli tieħu kwalunkwe konjizzjoni tat-tieni domanda, u wara li rat id-*dispożizzjonijiet* tal-art. 46, 52, 53, 64, 65, u 66 tal-Kod. Ċivili, taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, iżda dan mhux għall-ħtijiet imputabili biss

lill-konvenut imma għall-ħtija reċiproka konsistenti f'adulterju u tilqa' wkoll it-tielet domanda kontenuti fiċ-ċitazzjoni, b'dan ukoll li l-attriċi għandha tkun pjenament awtorizzata a termini ta' l-art. 65(1) tal-istess Kodiċi. L-ispejjeż tad-domandi deċiżi, stante ċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet. Jibqgħu riservati d-drittijiet l-oħra tal-attriċi "si et quatemus".